**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 04/15(16_07_15).**

Minuti tal-laqgħa b'urġenza ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Lulju 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

L-għan ta' din il-laqgħa b'urġenza huwa sabiex tiġi diskussa l-Approvazzjoni ta' Tenders MXR/008/2015 u MXR/009/2015.

Il-Kunsill iltaqa' fl-4.00 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

**1.00 Approvazzjoni ta' *Tenders* MXR/008/2015 u MXR/009/2015.**

1.01 Is-Sur Damien Spiteri ddikkjara li fiż-żewġ offerti huwa għandu interess peress li missieru kien wieħed mill-kuntratturi li tefgħu l-offerta. Għaldaqstant, huwa talab li jiġi skużat u ħareġ mil-laqgħa.

1.02 Il-Bord tal-Evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti MXR/008/2015 iltaqa' fil-15 ta' Lulju 2015 u kien kompost minn:

Carmen Said – *Chairperson*
Anthony Grech – Segretarju tal-Bord
Robert Mallia – Membru
William Sultana – Membru
Mark Busuttil – Membru

Perit William Lewis – Konsulent Tekniku

1.03 Il-Kunsill beda jiddiskuti Offerta numru MXR/008/2015 - *Upgrading of Triq Żgħawri Nature Walk – Second Phase*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fit-13 ta' Lulju 2015 u nstabu erba' offerti:

1. Joe Cauchi - €42,972.24
2. Peter Paul Said - €29,516.06
3. Sammy Spiteri - €24,848.36
4. Jason Gauci - €34,099.38

Il-Bord tal-Evalwazzjoni rrakkomanda lill-Kunsill li din l-offerta tingħata lil Sammy Spiteri minħabba li hija l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li l-offerta tingħata lil Sammy Spiteri għall-prezz ta' €24,848.36 peress li kienet l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

1.04 Il-Bord tal-Evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti MXR/009/2015 iltaqa' fil-15 ta' Lulju 2015 u kien kompost minn:

Carmen Said – *Chairperson*
Anthony Grech – Segretarju tal-Bord
Robert Mallia – Membru
William Sultana – Membru
Mark Busuttil – Membru

Perit William Lewis – Konsulent Tekniku

1.05 Il-Kunsill beda jiddiskuti Offerta numru MXR/009/2015 - *Pedestrianising Il-Munxar's Village Square – Second Phase*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fit-13 ta' Lulju 2015 u nstabu tlett offerti:

1. William Xuereb - Lot 1: €70,787.07, Lot 2: €4,640.00
2. Jason Gauci - Lot 1: €77,398.49, Lot 2: €1,652.00
3. Sammy Spiteri - Lot 1: €65,992.02, Lot 2: €2,124.00

Il-Bord tal-Evalwazzjoni rrakkomanda lill-Kunsill li din l-offerta tingħata lil Sammy Spiteri minħabba li hija l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li l-offerta tingħata lil Sammy Spiteri għall-prezz ta' Lot 1: €65,992.02 u Lot 2: 2,124.00 peress li kienet l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

**Carmen Said**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***